MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tat-18 ta' April, 2013

Rikors Numru. 314/2012

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu;**

Rat ir-rikors tal-attrici tat-22 ta' Mejju 2012 li permezz tieghu talbet li l-Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.

Rat ir-risposta tal-konvenut tat-13 ta' Frar 2013 li permezz taghha iddikjara li ma jopponiex ghat-talbiet attrici.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat.

**Provi**.

Mill-provi migbura jirrizulta:

Illi l-partijiet izzewwgu fid-9 ta’ Settembru 1989, u minn dan iz-zwieg kellhom tliet itfal li llum wiehed minnhom ghadu minorenni;

Illi l-partijiet kienu sseparaw in forza ta’ kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel fit-23 ta’ Jannar 2001 fuq liema kuntratt il-kura u kustodja tal-ulied kienet moghtija lill-attrici li assumiet wahedha l-manteniment tal-ulied;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ma hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment;

**Decide**.

Ikkunsidrat;

Illi l-provi imressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksib tad-divorzju;

Ghal dawn il-motivi,

1) Tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta’ bejn il-partijiet; u

2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta,

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------